Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-27 ta' Settembru 2007 — Il-Kummissjoni vs Il-Belġju

(Kawża C-93/07)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/35/KE — Ambjent — Parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 7)*

2. *Stati Membri — Obbligi — Implementazzjoni tad-direttivi — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq is-sistema interna — Inammissibbiltà (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 8)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent, u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU L 156, p. 17).

Dispożittiv

1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u

programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent, u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond din id-direttiva.

2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-27 ta' Settembru 2007 — Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-115/07)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/27/KE — Speċjalitajiet farmaċewtiċi — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 9)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 136, p. 34).